ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 08/07/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 08/07/2015***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 13 ta' Ottubru 2015**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera**
- **Il-Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Marija Saliba – *Chairperson,* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 07/07/15

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 07/07/2015 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Il-Kunsillier Carmelo Saliba rrefera għall-pġ. 3 il-para. ta' qabel tal-aħħar u talab biex minflok ''ma kienx hemm sorveljanza tas-servizz mill-Contracts Manager'' jitniżżel ''il-Contracts Manager ma ġiex imqabbad jissorvelja s-servizz''.

Il-Kunsill qabel mal-emenda proposta mill-Kunsillier Saliba.  Saret korrezzjoni tal-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

Il-Kunsill iddeċieda li jsir *recording* tal-laqgħat tal-Kunsill.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 07/07/15

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 10/02/2015

Il-Kunsillier Carmelo Saliba rrefera għall-pġ. 3 nru. KAM 28/2015 fejn hemm imniżżel ''saret diskussjoni sħiħa fuq il-proposta'' u ttieħed vot fuq il-proposta u qal kif l-argumenti li tqajjmu mill-membri tal-Kumitat dwar il-proposta ma tniżżlux fil-minuti.

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 10/02/2015 tat-Tlieta 14 ta' Lulju 2015 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Din il-korrispondenza ttieħdet bħala moqrija:

Ittra mibgħuta mill-Kumpanija Maltapost dwar il-ftuħ ta' Sub Post Office fil-bini tal-Kunsill. Kien maqbul li s-Sub Post Office jinfetaħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt mit-8.30 sal-11.00 ta' filgħodu.

Memo 10/2015 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta` ta' librerija lokali. Il-Kunsill approva l-lista tal-kotba magħżula mill-librara (valur ta' €1,226.07).

Ittra tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-programm 'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar'.

Ittra mibgħuta mill-Kumitat Olimpiku Malti dwar l-MOC Sports Awards.

Komunikat tad-Dipartiment tal-Artijiet bis-suġġett uffiċċju Marsalforn Għawdex.
Il-Kunsillier Carmelo Saliba ppropona u l-Kunsill qabel li nistaqsu lid-Dipartiment tal-Artijiet:

- fiex jikkonsisti l-proġett tal-Gvern Ċentrali;

- l-involviment tal-Kunsill Lokali u l-Kumitat fil-proġett;
- jekk hux ser tintmess il-parti mikrija lill-Kunsill u jekk fl-affermattiv, b' liema mod ser tintmess.

Fl-istess komunikat, il-Kunsill jesiġi li l-kirja għandha tinżamm.

Komunikat mibgħut mill-Onor Dr Chris Said dwar laqgħa mal-Kunsill. Ġie deċiż li l-laqgħa mal-Onor Said tinżamm nhar is-6 ta' Novembru fis-7.00pm.

Ittra mibgħuta mis-Soċjeta` Filarmonika Santa Marija dwar talba biex isir *water culvert* fi Triq Ġoma. Ġie deċiż li s-Sindku jagħmel *site visit* mal-Perit.

Komunikat ta' Joe Zammit dwar Triq il-Batterija. Il-Kunsill approva t-tiswija tat-triq, fejn jieqaf it-tarmak.

Komunikat ta' Angie Bonello dwar sessjonijiet tal-*aerobics*. Il-Kunsill qabel li jorganizza dawn is-sessjonijiet u l-ħlas tal-Kunsill ikun €10 kull sessjoni.

Ittra mibgħuta minn Victoria Gatt dwar Zumba Fitness Classes. Il-Kunsill qabel li jorganizza dawn il-klassijiet.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. 58/2015 – Is-Sur Victor Agius**
Biex jitħammel il-*water culvert* ta' quddiem ir-res. 'Agius Hse' fi Triq il-Kaċċaturi. Tiswija tal-grada tal-istess *culvert*. Tintalab stima tax-xogħol lill-*handyman*.

**Nru. 59/2015 – Is-Sur Max Borg**
Talab biex isir traqqiegħ bil-konkos fi Triq taċ-Ċaqra. Xogħol ta' traqqiegħ approvat; isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Nru. 60/2015 – Is-Sur Joseph Xuereb**
Talab għal provvista ta' żewġ jardi konkos għall-kisi ta' passaġġ pubbliku fi Triq Ta' Ċikku (offra li jferrxu hu). It-talba kienet approvata mill-Kunsill.

**Nru. 61/2015 – il-Viċi Sindku Daniel Cordina**
Għandu talba biex jitgħawweġ il-*bracket* tal-lampa mwaħħla mar-res. 'Sunshine' fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri b' tali mod li jiddawwal l-isqaq ta' maġenb l-istess residenza. Talba approvata mill-Kunsill.

**Nru. 62/2015 – Is-Sinjura Emelda Xuereb**
Biex tinqala' l-lampa bin-nru. W137 imwaħħla mar-res. 50 fi Triq is-Sagħtrija peress li ser jitwaqqa' l-bini. Il-Kunsill qabel li jitrasferixxi l-lampa għal quddiem il-*playing area* ta' Skapuċċina.

**Nru. 63/2015 – Is-Sur Żakkarija Camilleri**

Biex jitwitta' passaġġ tat-torba fil-limiti ta' Triq Għajn Mhelhel. Il-Perit jivverifika jekk il-passaġġ hux pubbliku jew privat.

**Nru. 64/2015 – Is-Sindku Nicky Saliba**
Biex jitranġa l-ħajt ta' mal-klabb tal-futboll fil-*playing field* għax qed jidħol l-ilma tax-xita fil-klabb. Il-Kunsill qabel li jsir *membrane* mal-ħajt tal-klabb; jagħmel ix-xogħol Paul Caruana.

**Nru. 65/2015 – Is-Sur Louis Zammit**
Talab biex issir *sleeping policemen* tal-lasktu quddiem l-istabbiliment 'Seagulls' fi Triq ix-Xwejni. Talba rifjutata mill-Kunsill.

**Nru. 66/2015 – Is-Sur Vigo Azzopardi**
Talab għal provvista ta' tmien jardi konkos għal fuq ilqugħ (mit-triq għall-ħajt) li nbena riċentament fi Triq il-Ponta. It-talba għal provvista ta' konkos kienet approvata.

**Nru. 67/2015 – Is-Sur George Cini**
Talab biex jinbena lqugħ fil-Wied tal-Infern (il-ġebel se jkun provdut mis-CMU). Xogħol ta' bini approvat; jinbena minn Joseph Cefai.

**Nru. 68/2015 – Is-Sinjura Stella Galea**
Tiswija tar-rampa ta' quddiem ir-res. 21 fi Triq Skapuċċina. Talba approvata.

**Nru. 69/2015 – Is-Sur Carmel Cefai**
Biex tinbidel il-bankina ta' quddiem ir-res. 'Qajrus', Triq Skapuċċina. Talba approvata mill-Kunsill.

**Nru. 70/2015 – Is-Sur Giovann Cefai**
Biex tinbidel il-bankina ta' quddiem ir-res. 'Casa Madonnina', Triq Skapuċċina. Talba approvata mill-Kunsill.

**Nru. 71/2015 – Is-Sinjura Patricia Mizzi**
Talbet biex titbaxxa t-triq quddiem il-garaxx tar-res. 'Chelsea' fi Trejqet tal-Andar għax jidħol l-ilma meta tagħmel ix-xita. Ġie deċiż li ssir *site visit* mill-Perit.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 06/2015 – DOK A għall-perijodu bejn is-26 ta' Awwissu 2015 u l-1 ta' Ottubru 2015 li tammonta għal €104,957.97 kienet approvata u ffirmata.

Il-Kunsill approva l-ħlas dovut lill-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' €384.16 b' konnessjoni mal-applikazzjoni nru. PA/03999/15 għall-kisi bil-konkos ta' passaġġ fi Triq is-Sellum.

## 8. SEJĦA GĦALL-OFFERTI

### ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU MĦALLAT

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienu ntefgħu żewġ offerti għall kuntratt tal-Ġbir ta' skart domestiku mħallat. Hija qalet li l-offerti huma ta', bil-valur:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Louis Attard | Yr1 | €145 kuljum | €3.10/skip |
| | Yr2 | €151 kuljum | €3.20/skip |
| | Yr3 | €156 kuljum | €3.30/skip |
| | Yr4 | €160 kuljum | €3.40/skip |

*Bid-bond* – ippreżenta kopja tal-*performance guarantee* li għandu mal-Kunsill tammonta €5,000.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Sharlon Mercieca | Yr1 | €90.58 kuljum | €135.50/skip |
| | Yr2 | €95.11 kuljum | €135.50/skip |
| | Yr3 | €99.86 kuljum | €135.50/skip |
| | Yr4 | €104.86 kuljum | €135.50/skip |

*Bid-bond* - €1,165.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat kjarifika mitluba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-*performance guarantee* sottomessa mal-offerta ta' Louis Attard.

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet il-valur taż-żewġ offerti għal erba' snin hu:

| | |
|---|---|
| Louis Attard | €207,567.40 |
| Sharlon Mercieca | €122,969.58. |

Hija qalet li skont it-termini tal-offerta, il-*bid-bond*/garanzija taż-żewġ offerti kellha tammonta għal €5,823.43.

Is-Sindku qal huwa fl-interess tal-Kunsill li mmorru għall-irħas offerta.

Il-Kunsillier Carmelo Saliba ppropona u miegħu qabel il-Kunsill, li fiċ-ċirkustanzi, għandha tittieħed direzzjoni legali.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel dawn is-sejħiet għall-kwotazzjonijiet:

(i) għal kiri u installazzjoni ta' dwal tal-Milied fi Pjazza l-Assunta u Triq il-Knisja (budget ta' €3,000 inkluż l-ispiża tal-*meter* tad-dawl; ħames *items* għal Triq il-Knisja u tiddawwal il-Pjazza mit-08/12/2015 sas-06/01/2016).

(ii) għall-istampar tal-kalendarju
(kalendarju wieħed għaż-Żebbuġ u Marsalforn, 6 ritratti – Żebbuġ 6 ritratti – Marsalforn).

Is-Segretarja Eżekuttiva rreferiet għall-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Kap tal-Iskola dwar il-problema tat-trasport pubbliku li jitlaq minn Marsalforn għat-tfal tal-Kinder li jattendu Skola Primarja Żebbuġ. Kien miftiehem li tinżamm laqgħa ma' Transport Malta.

Il-Kunsill approva x-xiri ta' kompjuter ġdid u xkaffar għall-*back office*.

Dwar l-offerta tal-*handyman*, ġie deċiż li dan l-*item* ikun fl-aġenda tas-seduta li jmiss.

Is-Sindku għarraf lill-Kamra b' laqgħa li kellu mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Anzjani u Persuni b' Diżabilita` fejn hija talbitu jressaq proġetti li jistgħu jiġu kunsidrata mis-Segretarjat tagħha għall-benefiċċju ta' persuni b' diżabilita` u anzjani.

Is-Sindku ppropona lill-Kunsill żewġ proġetti għaż-Żebbuġ:

- gym għall-persuni b' diżabilita` maġenb l-iskola.
- lift fiċ-Ċentru Parrokkjali bil-kollaborazzjoni tal-parroċċa.

Il-Kunsilliera Grech għandha titkellem maċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn dwar proġett li jista' jsir ġewwa Marsalforn.

Kien miftiehem li l-Kunsill għandu jitkellem ukoll mal-Arċipriet.

Ġie deċiż li:

- f'Jum iż-Żebbuġ jingħata ċertifikat lill-parteċipanti li ħadu sehem fil-korsijiet organizzata mill-Kunsill matul is-sajf.
- jorganizza ħarġa għal Malta nhar it-3 ta' Novembru 2015.
- x-xogħol ta' tindif approvat mill-Kunsill fuq Ta' Abram isir minn Said Construction.

- jsir *traffic management* fil-bidu ta' Triq Wied l-Infern, min-naħa ta' Triq iż-Żebbuġ (jagħmel ix-xogħol Raphael Refalo).
- tinbidel il-mera tat-traffiku miksura fil-bidu ta' Triq il-Knisja.
- tintalab stima lil Joseph Cefai biex isir traqqiegħ bil-konkos fil-bidu ta' Triq Wied l-Infern.
- il-lapida tal-vittmi tal-gwerra ssir minn Tarcisio Cremona. Il-lapida għandha tkun lesta sal-11 ta' Novembru 2015.

Il-Viċi Sindku ppropona biex il-parti ta' fuq ta' Triq ta' Kuljat tinkesa bil-konkos. Ġie deċiż li ssir *site visit* mill-Perit u jara jekk il-passaġġ hux pubbliku jew privat.

Is-Sindku qal fi Triq Ta' Ċenċ hemm fejn sfrundat it-triq. Ġie deċiż li ssir *site visit* mill-Perit u jintalab joħroġ rapport dwar it-triq.

Is-Sindku qal wasal iż-żmien li l-Kunsill jerġa' joħroġ il-fuljett tiegħu. Il-Kunsillier Carmelo Saliba ppropona li l-fuljett tal-Kunsill joħroġ għal Jum iż-Żebbuġ. Qbil mal-proposta ta' Saliba.

## 10. AĠĠORNAMENT

Is-seduta ntemmet fid-8.50 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għat-Tlieta, 10 ta' Novembru 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |